**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Assistant Kummissarju Dennis Theuma)**

**kontra**

**ROGER SCIBERRAS**

**(I.D. No. 151772(M))**

Kaz Nru.: 319/2012

**Illum, 3 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Roger Sciberras**, iben John u Mary *nee'* Pace, mwieled Tas-Sliema, nhar il-15 ta' Marzu, 1972, residenti gewwa 32, *Lucy*, *Flat* 1, Triq il-Kubrit, il-Gzira, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151772(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-12 ta' Awwissu, 2011, u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data;

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi,

Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1], sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghall-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[3];

[1] Fol. 2 tal-atti processwali.
[2] Fol. 151 tal-atti processwali.
[3] Fol. 158 tal-atti processwali.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda tal-ufficjal investigattiv u prosekutur, illum **l-Assistant Kummissarju Dennis Theuma, Graziella Francalanza** kif ukoll **xhieda bil-gurament li l-istess Graziella Francalanza tat quddiem il-Magistrat Inkwerenti** ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in difeza, l-imputat, Roger Sciberras, ghazel li volontarjament jiehu l-pedana tax-xhieda. Id-difiza ressqu ukoll ix-xhieda ta' Dr. Anna Marie Vella bil-ghan li l-istess xhud tixhed dwar id-dipendenza tal-imputat fuq sustanzi illeciti u l-progress li huwa ghamel sabiex jeghleb l-istess dipendenza. Fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta li dina l-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u li l-imputat temm il-pjan ta' kura b'success. Illi b'ordni ta' dina l-Qorti xehdet ukoll ir-Registratur tal-Qorti Kriminali li kkonermat li prezentament l-imputat ghandu biss pendenti l-proceduri odjerni.

Ghal kull bon fini jinghad ukoll li l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala prova l-istqarrija rrillaxata mill-imputat fi stadju tal-investigazzjonijiet. Ix-xhud tal-volontarjeta' ta' din l-istqarrija, WPS 136 Charlene Persiano, giet ezentata milli tixhed. Dina l-istqarrija ttiehdet fis-sena 2011 u dana wara li l-qua imputat irrinunzja ghad-dritt tal-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija. Jirrizulta ukoll li fil-proceduri odjerni d-difiza ma ressqitx il-quddiem lanzjana dwar l-imsemmija stqarrija u l-ammissibilita' o meno tal-istess. Madanakollu tenut kont li (i) din ittiehdet fi zmien fejn il-ligi *in vigore* ma kinitx tippermetti li l-qua imputat ikun legalment assistiet anke waqt it-tehid tal-istqarrija; (ii) li l-qua imputat inkrimina ruhu fl-istess stqarrija u (iii) anke tenut kont li wara, tul il-proceduri odjerni, l-qua imputat minn jeddu, waqt li kien debitament assistiet ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana tax-xhieda sabiex jixhed u fl-istess xhieda huwa ma ghamel l-ebda referenza ghall-istess stqarrija, dina l-Qorti, a skorta ta' gurisprudenza tal-Qrati lokali kif ukoll ukoll Qrati Ewropej[4] qeghda tiskarta l-konenut tal-istess stqarrija u ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni tal-imputat sejra tistrieh unikament fuq ix-xhieda li huwa ta' quddiem il-Qorti.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern jirrizulta li l-qua imputat kellu fiz-zmien indikat fl-akkuzi problema ta' dipendenza fuq id-droga eroina. Jirrizulta li f'Marzu tas-sena 2011, wara li Graziella Francalanza

[4] Partikolarment issir referenza ghas-sentenza **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018

(dak iz-zmien Ciantar) kienet giet imkeccija mid-dar (li fiha kienet tghix mar-ragel taghha Claudio Ciantar) minn missier ir-ragel taghha hija ghamlet perjodu zghir ta' madwar tlett gimghat tghix mal-qua imputat, Roger Sciberras. Qabel kif ukoll tul il-perjodu illi Francalanza ghamlet tirrisjedi flimkien mal-qua imputat hija kienet ukoll taghmel uzu minn sustanza illecita. Illi mill-provi mressqa jirrizulta li tul il-perjodu li Francalanza u l-qua imputat ghamlu jirrisjedu flimkien huma kienu juzaw is-sustanza eroina flimkien. Mill-provi mressqa jirrizulta ukoll li minhabba diffikultajiet finanzjarji serji li dak iz-zmien Francalanza kienet tinsab fihom hafna drabi kien il-qua imputat li kien ihallas ghad-droga. Jirrizulta ukoll mill-provi li effettivament gieli mar fizikament igib id-droga hu, drabi marret hi u kien hemm istanzi fejn marru t-tnejn flimkien.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-htija</u>

Illi permezz tal-akkuzi odjerni, il-qua imputat qed jigi akkuzat bi traffikar tal-eroina kif ukoll bil-pussess semplici tal-eroina.

Illi b'referenza ghat-tieni imputazzjoni immedjatament jinghad li dina tirrizulta sufficjentament pruvata. Tirrizulta pruvata mhux biss mix-xhieda tal-qua imputat innifsu u mix-xhieda ta' Charlene Francalanza imma anke mix-xhieda ta' Dr. Anna Marie Vella mil-liema jirrizulta li f'April u Gunju tas-sena 2011 huwa kien fittex l-ghajnuna tad-Detox in konnessjoni ma' problema ta' uzu ta' eroina, kokajina u anke alkohol.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda t-traffikar tal-eroina jirrizulta ppurvat li l-qua imputat Roger Sciberras kien hafna drabi jhalas ghad-droga eroina bil-ghan li din tigi kkunsmata mill-qua imputat u Charlene Francalanza. Jirrizulta ukolli mill-provi li kien hemm drabi fejn mar igib fizikament id-droga hu, drabi ohra hi u drabi ohra t-tnejn flimkien. Jirrizulta ukoll ippruvat li indubbjament dan sar diversi drabi (u cioe' f'iktar minn okkazzjoni wahda) fuq perjodu ta' madwar tlett gimghat.

Illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti definitzzjoni ta' 'traffikar':

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, <u>id-distribuzzjoni,</u> il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'*

*informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza: (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, gie ritenut:-

*"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs. Nathan John Farrugia** mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2014 nghad ukoll:

*"Dan ifisser, kwindi, illi dik il-lista illi ssegwi wara mhiex ezawrienti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet illi mhumiex inkluzi f'din id-definizzjoni li ukoll jinkwadraw bhala traffikar. Hu ovvju li l-ligi trid timpedixxi kull forma ta' transazzjoni illi tinvolvi d-droga. U meta wiehed ipartat droga ma' ohra jkun qieghed jipprovdi lil terz droga illi qabel ma kellux. F'dan il-kaz gie allegat mill-istess appellant illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida u ghalhekk l-appellant ried jipprova din "ix-xi haga gdida" u ipprovda droga lil Mangion biex dan tal-ahhar jipprovdilu dak illi ried. Veru illi hawnhekk ma sarx skambju ta' flus; però sar skambju ta' droga u dan huwa l-korrispettiv. L-appellant ipprovda droga lil Mangion u li dan tal-ahhar hallsu billi tah droga ohra. Dan it-tpartit huwa skambju ekonomiku f'kull sens tal-ligi u jaqa' nettament taht id-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi fid-dawl ta' dak suespost, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-qua imputat forna / provda ('supplied' fit-test Ingliz) lil Charlene Francalanza bis-sustanza eroina. Kien hemm drabi fejn huwa xtara l-qua imputat ghaliha u kien hemm drabi ohra fejn taha l-flus sabiex tixtri d-droga ghaliha u anke ghalih. L-imputat stess jghid:

*Qorti: Min xtraha minnkom?*

*Xhud: Jew jien, jiena mhux bilfors jiena. Ma kelliex flus hi.*

*Qorti: Inti xtrajtha?*

*Xhud: Iva.*

...

*Qorti: Allura ghal min xtrajtha d-droga inti?*

*Xhud: Ghalija u ghaliha, kienet sick mejta din, dina la kienet tiehu mistura xejn...*[5]

B'hekk jirrizulta li l-qua imputat forna lil Francalanza bis-sustanza eroina u li minghajr l-agir tal-qua imputat ma kien ikun possibli li Francalaza tikkonsma l-istess sustanza.

Illi b'hekk l-ewwel imputazzjoni (traffikar tal-eroina) dedotta mill-prosekuzzjoni tirrizulta sufficjetament pruvata skond il-ligi.

Ghal kull bon fini, fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz odjer u galadarba mill-provi kjarament jirrizulta li d-droga eroina prokurata mill-qua imputat kienet qed tintuza mill-qua imputat flimkien ma' Charlene Francalaza, issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Emeritus Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Russell Bugeja**" mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2008 fejn inghad:

> *"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fl-istess sens issir ukoll referenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs. Marco Galea** mghotija mill-istess Qorti fl-istess data.

Isir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis** deciza mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fid-19 ta' Novembru 2015:

> *"Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu*

[5] Fol 161 – 162 tal-atti processwali.

*dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet* ***Il-Pulizija v. Russell Bugeja*** *u Il-****Pulizija v. Marco Galea****, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*

*Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn iccirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."*

Fil-kaz odjern, mill-provi prodotti jirrizulta li fil-mument li l-qua imputat mar jixtri droga dan ghamel hekk ghalih u ghal Francalanza. Per konsegwenza dan ma jaqghax fil-parametru ta' dan ir-rekwizit ai termini tal-ewwel tas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ricentament gew introdotti ukoll emendi ghal dan il-proviso li llum jaqra:

*"(9) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):*

> *Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:*
>
> *Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan."*

Illi fir-rigward tar-rekwizit *tal-akkwist ta' kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt*, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-agir imputat lanqas ma jaqgħa f'din id-definizzjoni galadarba li, minkejja li s-sustanza kien inxtrat fuq talba ta' Francalanza u giet ikkonsmata flimkien mal-imputat fl-istess post, <u>dan ma sarx f'avveniment wiehed.</u> Mix-xhieda ta' Francalanza jirrizulta car li din ma kinitx xi haga ta' darba izda xi haga li grat diversi drabi fuq perjodu ta' bejn wiehed u iehor tlett gimghat.

Ghaldaqstant fil-fehma ta' dina l-Qorti l-fatti mertu tal-proceduri odjerni ma jinkwaddrawx fil-parametri tal-proviso ghas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Kusiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tqis in-natura gravi tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Madanakollu, fl-istess hin dina l-Qorti ma tistax tinjora c-cirkostanzi rigwardanti l-istess imputazzjonijiet, fejn mill-provi mressqa jirrizulta bic-car li l-imputat kien qed jixtri d-droga ghalih u ghall-persuna ohra li kienet fiz-zmien relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni qed tghix mieghu u li gia kienet dipendenti fuq sustanza illecita. Ser tqis ukoll il-fatt li l-akkuzi odjerni jirrisalu lura ghas-sena 2011 u cioe' ghall-iktar minn ghaxar snin ilu. F'dan l-isfond ukoll il-Qorti ser tikkonsidra ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat kif ukoll il-progress pozittiv li huwa ghamel miz-zmien relevanti mertu tal-akkuzi odjerni.

Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proceduri, wara dina l-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn dina il-Qorti fid-digriet taghha tal 17 ta' Novembru 2018, il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fir-rapport tieghu kkonkluda li l-imputat huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tieghu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Mid-dokumenti annessi man-nota tal-Bord jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant ikkopera bis-sħiħ

fil-programm ta' rijabilitazzjoni tieghu u hu kommess li jkompli f'din it-triq. Mir-rapport tal-Caritas jirrizulta li l-imputat kien konsistenzi fl-appuntamenti u l-kuntatt tieghu mal-istess Agenzjija u li dejjem kien konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha negattivi salv ghal-kampjun wiehed (li setgha rrizulta pozittiv ghall-opiates anke fid-dawl ta' xi medicinali li kien qed jiehu).

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qeghda ssib lil Roger Sciberras hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal-perjodu ta' sitt xhur prigunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

Il-Qorti fl-ahhar net tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur